MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 665/2004

**Atlas Insurance Limited (C 5601) f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghhhom Hal Mann International Limited (C 21050) abbazi tal-ligi u tal-polza tal-assikurazzjoni u b'digriet tal-Qorti tat-13 ta' Marzu 2007 il-Qorti laqghet it-taba biex "Atlas Insurance Limited" issir "Atlas Insurance PCC Limited"**

**vs**

**Sea Malta Company Limited (C 2764);**

**B'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2004 gew kjamati fil-kawza s-socjeta MA. RE. SI Shipping Limited u d-ditta estera Nicotra Bertuccio S.A.S;**

**B'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2005 gew nominati Dr Anthony Cutajar u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapezentaw lid-ditta estera Nicotra Bertuccio S.A.S;**

**B’ordni tal-Qorti tat-18 ta’ Ottubru 2007 il-Qorti ordnat li s-socjeta estera Nicotra Bertuccio S.A.S tigi estromessa;**

**Fil-verbal tal-21 ta’ Marzu 2012 giet imsejha fil-kawza is-socjeta Nicotra Bertuccio S.A.S**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni intavolata fit-3 ta’ Settembru 2004 permezz ta’ liem is-socjeta attrici Atlas Insurance PCC Limited ippremettiet illi s-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited giet inkarigata ggorr merkanzija tas-socjeta Hal Mann International Limited mill-Italja lejn Malta f’66 colli granit u irham, liema merkanzija kellha tingarr f’Marzu 2004, fil-container numru CRXU720059/1, permezz tal-bastiment MV Island Seaway; illi waqt illi din il-merkanzija kienet f’idejn u taht il-kura u l-kustodja tas-socjeta konvenuta u/jew nies minnha inkarigati, sehhew hsarat konsiderevoli, tant illi l-merkanzija relattiva saret inutilizzabbli; illi ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni ezistenti bejn is-socjeta attrici u l-assigurata taghha Hal Mann International Limited, is-socjeta attrici kellha tindenizza lill-assigurata taghha tad-danni li gew lilha kawzati ai termini ta-premsss u b’hekk issa hija giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurata; illi b’rizultat tal-premess is-socjeta attrici hallset is-somma ta’ disat elef sitt mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (LM9,672) flimien ma’ hamsin lira (LM50) spejjez tas-survey relattiv; illi s-socjeta konvenuta nterpellata sabiex tindenizza lis-socjeta attrici s-somma fuq imsemmija baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk dikjarazzjoni li s-socjeta konvenuta hija unikament responsabbli ghall-hsarat fil-merkanzija tal-assigurat tas-socjeta attrici u ghad-danni relattivi; likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-assigurat tas-sopcjeta attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici u l-ispejjez konsgwenzajali sofferti mis-socjeta attrici fis-somma globali ta’ disat elef seba mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (LM9722) jew somma verjuri; u kundanna fil-

konfront tas-socjeta konvenuta biex thallas lis-socjeta attrici l-imsemmi ammont bhala danni sofferti u sburzati mis-socjeta attrici li ghalihom hija responsabbli s-socjeta konvenuta, bl-imghax mid-data tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni annessa mal-istess citazzjoni, debitament mahlufa;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mac-citazzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 2004 permezz ta' liem eccepiet illi hija ma hijiex responsabbli ghall-incident premess u ghad-danni reklamati; illi fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghas-suespost il-merkanzija kellha tingarr fuq l-MV Island Seaway, li l-operatur taghha hija l-kummpanija MA.RE.SI Shipping Limited (C 18503) ta' 131, East Street, Valletta u ttiehdet fil-port ta' Catania mill-kumpanija Taljana Nicotra Bertuccio S.A.S ta' Via Dusmet, 131, 95131, Catania, liema kumpaniji kellhom fil-mument tal-incident il-pussess fiziku tal-container in kwistjoni u li huma finalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni; illi fi kwalsiasi kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-klawsola ta' ezonery "loading and unloading operations to be effected by ship's stevedores at shipper's and receiver's risk and expenses" li tezonera l-eccipjenti minn kull responsabilita ghall-akkadut; illi d-danni huma, fi kwasliasi kaz, u bla pregudizzju ghas-suespost, kontestati;

Rat id-dikjarazzjoni ta' Sea Malta Company Limited debitament mahlufa u annessa man-nota tal-eccezzjonijiet taghha, kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm elenkati;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta' Dicembru 2004 [a fol 28] permezz ta' liem gew kjamati fil-kawza is-socjetajiet MA.RE.SI Shipping Ltd u d-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta kjamata fil-kawza MA.RE.SI Shipping Limited permezz ta' liem eccepiet in linea preliminari li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Hal Mann International Limited u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; illi fil-mertu li ma hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni sofferti; illi hija biss l-proprjetarja tal-vapur MV Island Seaway u li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-operazzjoni tat-taghbija li waqtha sehhew id-danni reklamati; illi fi kwalunkwe kaz it-tielet eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited ghandha tapplika wkoll ghall-esponenti; salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatt tas-socjeta kjamata in kawza MA.RE.SI Shipping Limited debitament ikkonfermata bil-gurament, kif ukoll il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm annessi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u PL Hilda Ellul Mercer fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tas-16 ta' Mejju 2005 sabiex jirraprezentaw lid-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS ipprezentata fil-5 ta' Dicembru 2005 permezz ta' liem eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza izda rrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mad-ditta estera minnhom rapprezentata;

Rat li fil-verbal tal-udjenza tal-4 ta' April 2006, il-Qorti ordnat in-notifika tad-ditta estera kjamata fil-kawza Nicotra Bertuccio SAS fis-sede taghha fl-Italja ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea numru 1348/2000;

Rat illi tali notifika baqghet ma saritx mis-socjeta konvenuta u d-ditta estera, b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2007 giet estromessa mill-kawza;

Rat illi l-Qorti, fuq talba tas-socjeta kjamata fil-kawza MA.RE.SI Shipping Limited, laqghet it-talba ghal-kjamat fil-kawza tad-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS fl-udjenza

tal-21 ta' Marzu 2012 bl-intendiment illi n-notifika ghandha tigi effetwata sad-differiment ta' wara;

Rat illi sal-udjenza sussegwenti ma rrizultax li s-socjeta kjamata fil-kawza MA.RE.SI Shipping Limited effetwat tali notifika;

Fliet l-atti l-ohra kollha processwali;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta attrici qeghda titlob rimbors ta' hlas li hija ghamlet lil Hal Mann International Limited ghab-bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip Marine Cargo Insurance Policy wara li l-merkanzija konsistenti f'irham u granit li Hal Mann International Limited li kellha tingarr minn Catania lejn Malta sofriet hsarat meta kienet qed titghabba fuq il-bastiment MV Island Seaway, u liema hsarat is-socjeta attrici tghid li tahti ghaliha s-socjeta konvenuta;

Mix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici, senjatament l-affidavit ta' Brian Valenzia u ta' Noel Mamo a fol 89 u 91 tal-process, irrizulta li s-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited kienet giet inkarigata minn Hal Mann International Limited sabiex tiehu hsieb taghmel l-arrangamenti necessarji biex tigbor il-merkanzija minghand il-fornitur taghha gewwa Sqallija u ggib il-container kontenenti l-merkanzija lejn Malta.

Konsegwenza ta' dan l-incident irrizulta wkoll li l-hsara kienet tali li rrendiet il-konsenja tal-irham u granit mhux utilizzabli u minghajr valur kummercjali, tant li l-konsenja ma gietx trasportata lejn Malta sabiex jigu minimizzati d-danni u dana kif gie konfermat mix-xhieda Brian Valenzia u Noel Mamo. L-istess gie dikjarat mis-socjeta konvenuta f'fax datata 29 ta' April 2004 (annessa mal-affidavit ta' Noel Mamo) fejn fiha s-socjeta konventa nnotat li "it-appears to us that cargo was declared to be beyond commercial viability" u minn Franco Caruso Marmi e

Graniti S.p.A f'ittra indirizzata lil Marangolo (agenti tas-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited fl-Italja) datata 7 ta' April 2007 (a fol 92).

Ikkunsidrat:

Illi jidher li l-incident sehh waqt li kienet qed issir l-operazzjoni tat-tghabija tal-container fuq il-bastiment, meta t-trailer stakka ruhu minn mat-truck jew tractor bil-konsegwenza li l-container baqa' miexi wahdu tul ir-rampa kollha ghal gol-hold tal-bastiment sakemm laqat il-genb tal-bastiment, miel u waqa' fuq genbu bil-merkanzija li kienet gewwa l-istess container tispicca barra mill-container u tigrilha l-hsara rizultanti. Dan jirrizulta mir-rapport li jinstab esebit a fol 5 tal-process mhejji mill-Kaptan Sebastiano Barca, mid-Damage Report a fol 47 imhejji mill-Master tal-bastiment, u mil-logbook tal-Kaptan tal-bastiment MV Island Seaway a fol 44 tal-process li hekk iddeskriva l-incident: "during the loading operations, trailer with container of Sea Malta ... was unhooked from the truck and continued not under control moving to garage space. Trailer/container passed ramp and turned on side / turned over. Disconnection between truck and trailer was happened in the moment when the back tyres was just on our ramp flaps". Jidher li dan l-incident sehh minhabba li t-trailer ma kienx f'kundizzjoni tajba. Dan jirrizulta minn "Damage Report" intitolat "Notice of Damage by Stevedore to Cargo" imhejji mill-Master tal-bastiment esebit a fol 47 tal-process fejn jiddikjara s-segwenti: "During the loading operations we [were] advised from the side of driver that trailer of 20 ft container with marble-slabs is not in good condition and that must be changed before loading. The driver also advise Mr. Avola (representative of our shipping agency) about this problem. After 15 min. Driver brought the trailer with container of Sea Malta ... but nobody advised us that the trailer was not changed."

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li l-importatur Hal Mann International Limited, assikurat tal-attrici, kienu qabbdu lis-socjeta

konvenuta Sea Malta Company Limited biex titrasportalhom il-merkanzija tal-irham u granit. Ghalhekk ma hemmx dubju li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-assigurat tal-attrici u s-socjeta konvenuta.

Illi s-socjeta kjamata in kawza MA.RE.SI Shipping Limited fl-ewwwel eccezzjoni taghha eccepiet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Hal Mann International Limited. Irrizulta li l-bastiment li fuqu tghabbiet il-merkanzija kien proprjeta ta' MA.RE.SI Shipping Limited. Mix-xhieda ta' Adrian Mifsud, jidher li l-kuntrattur ta' Nicotra Bertuccio SAS kienu qeghdin jaghmlu s-servizz tat-taghbija. Issa id-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS jirrizulta li hija agenta ta' MA.RE.SI Company Limited, ghalkemm tghid fl-eccezzjonijiet taghha li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-operazzjoni tat-taghbija.

Bhala fatt MA.RE.Si Company Limited ma kellha ebda relazzjoni legali mal-importatur, u l-arrangamenti dwar il-garr tal-merkanzija ghamlithom mas-socjeta konvenuta, kif del resto ikkonferma Adrian Mifsud ghal MA.RE.SI Company Limited (a fol 111). Joseph Bugeja ghal Sea Malta Company Limited ukoll ikkonferma illi l-kuntratt tal-garr sar bejnhom u s-socjeta Hal Mann International Limited ( a fol 159) u l-arrangament ma' MA.RE.SI Company Limited kien bejn din tal-ahhar u Sea Malta Company Limited biss. Minn dan isegwi li n-ness jew rabta kontrattwali bejn l-importatur, assigurat mas-socjeta attrici, u s-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited baqghet invarjata.

Illi ghalhekk ir-relazzjoni tas-socjeta` attrici kienet u baqghet dejjem mal-istess socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited, indipendentement minn minn kellu pussess fiziku tal-merkanzija jew lil min Sea Malta fdat tali merkanzija. Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghar-relazzjoni li setghet ezistiet jew tezisti bejn is-socjeta konvenuta Sea Malta Company Limited u l-kjamat in kawza MA.RE.SI Shipping Limited. Li kieku kien hemm provi attendibbli li juru li r-responsabilita ghal garr tal-merkanzija daret fuq il-kjamata fil-kawza, seta' jkun il-kaz

li l-kjamata fil-kawza tinzamma ultimament responsabbli imma l-provi f'dan ir-rigward huma nieqsa.

Illi ghal dak li jirrigwarda d-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS, il-Qorti ma hija ser taghmel ebda pronunzjament fl-assenza tal-impenn da parti tas-socjeta kjamata in kawza MA.RE.SI Shipping Limited li tinnotifika lil din id-ditta fit-terminu preskritt mill-Qorti. F'kull kaz u ghal kull buon fini jinghad li ghal posizzjoni legali tad-ditta estera fil-konfront tal-attrici japplikaw il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, dawn iduru b'mod partikolari mal-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-ħsarat reklamati mill-assikurat tas-socjeta attriċi.

Ghalkemm ma tressqux la l-kuntratt tal-garr u lanqas il-polza ta' kariku, jirrizulta, u mhux kontestat, li s-socjeta konvenuta kienet giet inkarigat biex tiehu hsieb iggorr il-merkanzija tas-socjeta Hal Mann International Limited lejn Malta u ghalhekk kellha r-responsabilita li tara li l-merkanzija tasal Malta fl-istess kundizzjoni li haditha minghand il-fornitur tal-irham fi Sqallija. Dan l-obbligu ma wettqitux u allura hi responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-parti li maghha kkuntrattat. L-obbligu tas-socjeta konvenuta fil-konfront ta' Hal Mann International Limited ma kienx mittiefes meta bdiet l-operazzjoni tat-tghabija fuq bastiment, li kienet ghazlet hi stess, bi ftehim ma' MA.RE.SI Shipping Limited. Fil-mument li hi jew persuni minnha inkarigati hadu taht il-kustodja taghhom il-merkanzija minghand il-fornitur, bdiet ir-responsabilita tas-socjeta konvenuta. Skond is-sentenza moghtija nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Agius Agricultural Trading limited vs Concorde International Freight Forwarders Limited'** **'***min igorr il-merkanzija huwa responsabbli ghal upkeep taghha***.'** Skont l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili, id-debitur tal-obbligazzjoni (f'dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited), ghandu jigi kkundannat ghad-

danni, sew minhabba li jkun naqas mill-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-ezekuzzjoni taghha, kemm-il darba huwa ma jippruvax fatt estraneu ghar-rieda tieghu.

F'dan il-kaz, is-socjeta` debitrici tal-obbligazzjoni ma eccepietx il-forza maggura jew l-ezistenza ta' fatt insormontabbli u inevitabbli biex tipprova tiskolpa ruhha, izda ppuntat subghajha lejn dawk il-persuni li maghhom ikkuntrattat biex twettaq l-obbligu li assumiet versu l-assigurat tal-attrici.

Issa hu risaput illi ghal forza maggura, jekk tinvolvi agir ta' terzi persuni, hu mehtieg li dawn it-terzi jkunu indipendenti mid-debitur tal-obbligazzjoni, u ma jkunux sub-kuntratturi jew persuni ohra li maghhom id-debitur jikkuntratta biex jassistuh fit-twettieq tal-obbligazzjoni li hu assuma (ara, fost ohrajn Farrugia v. Attard, deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fit-28 ta' April 1998, u Zarb v. Mondial Travel Agency deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit- 30 ta' Jannar 2009). Il-Baudry-Lacantinerie ("Delle Obbligazioni", Vol. I, para. 455 pagna 504) wara li jillustra b'ezemplari x'jikkostitwixxi kaz fortuwitu u forza magguri, jissokta jispjega dan li gej: "Notiamo a questo proposito che la colpa d'un terzo, che rende impossibile l'adempimento d'una obbligazione, nei rapporti tra le parti costituisce un caso fortuito o di forza maggiore, a meno tuttavia che non si tratti d'un terzo, degli atti del quale il debitore sia responsabile". Ifisser, f'dan il-kaz, li l-allegati nuqqasijiet li setghet wettqet is-socjeta kjamata fil-kawza MA.RE.SI Shipping Limited jew l-agenti ta' din tal-ahhar fi Sqallija, ma jistghu jkunu ta' ebda soljev ghas-socjeta` debitrici, ghax fil-konfront tal-kreditur tal-obbligazzjoni, in-nuqqasijiet ta' dawn "it-terzi", huma nuqqasijiet tad-debitur tal-obbligazzjoni. Huwa dan tal-ahhar li, fil-konfront tas-socjeta` attrici, iwiegeb ghal xi nuqqasijiet li wettqu t-terzi minnha imqabda ghat-twettieq tal-obbligazzjoni (ara Id-Dipartiment tal-Kuntratti v. Borg, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2011).

Dan ifisser li hija s-socjeta` konvenuta, f'kull kaz, ghandha tinstab responsabbli ghad-danni versu s-socjeta` attrici, u

dan peress li jirrizulta illi, bhala fatt, din ma wettqitx l-obbligazzjoni li assummiet. Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fil-15 ta’ Marzu 1991 (Vol. LXXV-11-560) fil-kawza fl-ismijiet “Agent Accountant General – vs – George Xuereb noe”, dik il-Qorti spjwgat kif gej, “Fuq kollox pero` t-talba ghall-kjamat -in-kawza b’ebda mod ma setghet tfisser illi b’daqshekk is-socjeta` konvenuta kienet qatt tehles, a bazi taghha, mir-responsabbilita` kuntrattwali taghha, kif din hija stabbilita` mill-kuntratt ta’ appalt. Ara wkoll “Joseph Riolo pro et noe -vs- Carmel Muscat”, Appell Civili, 15 ta’ Marzu 1991”. Hekk fl-Appell Civili in re: “Calcedonio Camilleri -vs- Emanuel Farrugia et”, deciza fis-17 ta’ Marzu 1943 gie ritenut li: “Il-ligi ma taghmilx obbligu lill-Qorti li tikkundanna jew tillibera lill-imsejjah fil-kawza, u ghalhekk ma hemm ebda irritwalita` jekk il-Qorti ma tiddeciedi xejn di fronte ghalih”.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet eccezzjoni dwar klawsola ta’ ezoneru citata fl-istess nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, il-Qorti tghid li ma jirrizultax mill-atti minn fejn tali klawsola ta’ ezoneru tirrizulta, u jekk tirrizulta l-accettazzjoni espressa tal-importatur, assigurat tas-socjeta attrici, fir-rigward. F’kull kaz jinghad li kif intqal mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-kawza Muscat v. Falzon, deciza fit-12 ta’ Mejju 2003, “patt ta’ ezoneru ma jezentax jekk fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt wiehed ikun tbieghed mill-mod kif suppost li kellu jesegwih.” F’kull kaz, klawsoli bhal dawn ma jagħtux *carte blanche* lid-debitur tal-obbligazzjoni. Dan jingħad għaliex ma jistax ikun aċċettat li klawsoli bħal dawn iġibu fix-xejn bis-saħħa ta’ sempliċi klawsola l-obbligi dikjarati tat-trasportatur fir-rigward tal-merkanzija fdata f’idejh.

Ikkunsidrat:

In linea ta’ danni reklamati, skont artikolu 1125 tal-Kodici Civili “Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni”.

Ghalkemm is-socjeta konvenuta kkontestat fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha id-danni reklamati, ma jirrizultax mill-

atti processwali li s-socjeta konvenuta sostniet din l-eccezzjoni b'mod attiv. Jirrizulta anzi li ma kkontestatx is-*survey report* esebit fl-atti rigward l-ammont qua valur tad-danni sofferti mis-socjeta Hal Mann International Limited. Minbarra dan, l-ammont pretiz huwa rizultanti mill-fattura mahruga mill-fornitur Sqalli tal-irham u l-granit u li l-merkanzija kienet kollha kemm hi inutilizzabli;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-ispejjez tar-rapport tas-surveyor, dawn lanqas gew kontestati. Minbarra dan, huwa stabbilit mill-Qrati taghna f'kawzi bhal dawn, li spejjez minfuqin biex isir rapport ta' surveyor bhala hlas mehtieg biex jista' jigi stabbilit id-danni mgarrab mill-assikurat.

Illi fir-rigward ta' l-imghaxijiet dovuti fuq l-ammont ta' danni likwidat iktar il fuq, la darba s-socjeta konvenuta ikkontestat ir-responsabilita ghall-hlas ta' dan l-ammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni." (ara "Formosa & Camilleri Ltd noe et -vs- Sea Malta Company Limited", Appell, 12 ta' Gunju 2000).

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata fil-kawza MA.RE.SI Shipping Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju salv kull dritt li jista' jkun spettanti lis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited kontra l-kjamata fil-kawza; tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited u tilqa' t-talbiet attrici; tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sbatax-il centezmu (€22,646.17) u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata, bl-imghax legali fuq din is-somma mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-jum tal-hlas effettiv;

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz tal-kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw lid-ditta estera Nicotra Bertuccio SAS u dawk ta' MA.RE.SI Shipping Limited,

jithallsu mis-socjeta’ konvenuta Sea Malta Company Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------